Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 1454/2010

**Annie Bonello**

**Vs**

**John u Sylvana konjugi Borg**

L-Erbgha, 18 ta' Mejju 2016.

L-attrici appellat mis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tat-23 ta' Gunju 2014 li biha gie ddikjarat li l-konvenut m'huwiex legittimu kontradittur u giet milqughta l-eccezzjoni li l-azzjoni tal-attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

L-aggravji huma:

1. L-attrici sofriet danni fid-dar 32, Triq il-Konti Ruggier, Rabat, Malta b'rizultat ta' dhul ta' ilma wara xoghol li sar mill-konvenuti fil-fond biswit. Ghalkemm dik il-proprjeta hi tal-konvenuta, ix-xoghlijiet saru mill-konvenuti.
2. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tigi michuda ghaliex:
   (a) Bejn Marzu u Awissu 2008 kien ghadu ghaddej ix-xoghol, kif ammetta l-konvenut stess.
   (b) Il-konvenuti ma tawx prova tad-data meta beda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni.
   (c) Kien hemm rinunzja tal-preskrizzjoni.
3. L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti.

Il-konvenuti wiegbu li s-sentenza tat-Tribunal kienet gusta u kellha tigi kkonfermata.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

1. Ix-xoghlijiet li tilmenta minnhom l-attrici, saru fi proprjeta tal-konvenuta. Madankollu saru matul iz-zwieg. Il-presunzjoni hi li tezisti l-komunjoni tal-akkwisti. Mill-provi hu evidenti li kienu l-konvenuti li nkarigaw kuntrattur biex jaghmel xogholijiet. Fic-cirkostanzi l-qorti ma taqbilx mat-Tribunal li llibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

2. L-ilment tal-attrici hu dwar dhul ta' ilma fid-dar taghha b'rizultat ta' xoghlijiet li l-konvenuti ghamlu fil-proprjeta taghhom. Skond affidavit tal-perit Carmel Farrugia, **xhud tal-attrici**, *"waqt xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond numru 30, Triq il-Konti Ruggieru, Rabat, il-kuntrattur inkarigat mix-xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond 30, Triq il-Konti Ruggieru, Rabat,* ***biex ikun ghalih possibbli jibni fuq il-hajt tal-appogg bejn il-fondi 30 u 32, Triq il-Konti Ruggieru, Rabat kien acceda fuq il-bejt tad-dar bin-numru 32, zarma t-tank tal-ilma, qalgha il-kanen tal-ilma li kienu mwahhlin fuq***

***il-hajt tal-appogg u halla l-ilma hiereg bla kontroll****. L-ilma ipperkola ghal gewwa l-fond numru 32 Triq il-Konti Ruggieru u kkawza hsarat fil-finituri tad-dar, kif deskritt permezz tar-ritratti annessi"* (fol. 33).

3. Fir-rikors tal-appell l-attrici ghamlet riferenza ghal fatt li in kontro-ezami l-konvenut xehed: *"Bejn Marzu u Awissu tat-2008 kont ghamil il-kontrobejt fuq il-proprjeta tieghi u ghamilt ukoll zgoxx li jigi fuq il-kontrobejt."* Pero' dan il-perjodu m'ghandu x'jaqsam xejn mad-data meta sehhet il-hsara fil-proprjeta tal-attrici skond il-verzjoni tal-perit Farrugia. Jekk Jekk dik il-verzjoni, xhud tal-attrici, ghandha mis-sewwa allura l-hsara saret qabel dak il-perjodu. Il-konvenut iddeskriva x-xoghol li ghamlu bhala: *"zidt sular u kont hrigt hames piedi 'l barra fil-gnien. U kont ghamilt washroom li m'ghandux x'jaqsam mal-proprjeta tas-sinjura Bonello."* (fol. 50). Skond il-perit Farrugia t-tank tnehha sabiex il-konvenuti jibnu fuq il-hajt tal-appogg. M'hemmx dubju li l-kontrabejt ikun sar wara li jkun tlesta l-bini. Ghalhekk ir-riferenza ghall-perjodu Marzu u Awissu 2008 ma jistax iservi biex l-attrici teghleb l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-hsara saret qabel Marzu 2008.

4. Jirrizulta li fl-1 ta' Lulju 2010 l-attrici kienet ipprezentat ittra ufficjali (fol. 23) li biha sejhet lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' €1,380 bhala danni li sofriet. Meqjus dak li nghad hawn fuq, it-Tribunal kellu ragun jikkonkludi li l-ittra ufficjali tat-2 ta' Lulju 2010 giet prezentata wara li kien diga' skada t-terminu kontemplat fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

5. Ghal dak li jirrigwarda t-tezi tal-attrici li kien hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni, il-qorti ma taqbilx meta tqies li:-

   (a) Mill-korrispondenza legali ma jirrizultax li l-konvenuti qatt accettaw responsabbilta ghall-akkadut;
   (b) Hu veru li fl-ittra legali tal-5 ta' Settembru 2009 (fol. 19) il-konvenuti offrew hlas ta' €200, pero dik fiha jinghad: *"Konjugi Borg jirrispingu kull responsabbilta ghall-allegat danni. Madankollu minghajr pregudizzju, huma disposti jhallsu s-somma ta' €200 bhala att ta' rieda tajba sabiex ma jkunx hemm aktar vertenzi bejn il-partijiet."* Sa dak iz-zmien ma jirrizultax li kienu ghadhom ghaddew is-sentejn, u ghalhekk l-attrici hi zbaljata fl-argument li kien hemm rinunzja ta' preskrizzjoni. Rinunzja tista' ssehh biss fejn it-terminu ta' preskrizzjoni jkun ghadda. Madankollu u f'kull kaz, dik l-offerta saret bla pregudizzju. Hu altru milli evidenti li l-konvenuti qatt m'assumew ir-responsabbilta ghad-danni allegati mill-attrici. Hu maghruf li offerti li jsiru bil-ghan ta' transazzjoni ma jservux biex jinterrompu l-preskrizzjoni (ara per ezempju sentenza ta' din il-qorti[1] fil-kawza **Gasanmamo Insurance Agency Ltd vs Oliver Ruggier** tat-3 ta' Novembru 2004).

[1] Imhallef P. Sciberras.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel aggravju u tvarja s-sentenza tat-23 ta' Gunju 2014 u tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Spejjez ta' din l-eccezzjoni fl-ewwel istanza ghandha tkun a karigu tal-konvenuti.**
2. **Salv ghal dak li qieghed jinghad dwar l-ispejjez, tichad il-kumplament tal-aggravji.**

**Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 90% a karigu tal-appellanti u 10% a karigu tal-appellati**.

Anthony Ellul.